**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 1 / 2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Adrian Marmara**

Illum, 23 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Adrian Marmara ta' 30 sena, iben James u Carmen xebba Spiteri, imwieled il-Pieta` nhar id-29 ta' Awwissu 1976, residenti gewwa 'Loujo', Flat 1, Triq Herbert Ganado, Pieta` u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 469376(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi kkometta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' mill-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Dicembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(c), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) kif dedotta kontra tieghu in kwantu din tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-cannabis u tal-imputazzjoni (d) u illiberatu minnhom, b'dan illi sabitu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u in kwantu l-imputazzjoni (b), biss tar-reat ta' pussess semplici tal-pjanta tal-cannabis u ikkundannatu ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut,

ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm127.44) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn, sitta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€296.93) u l-ispejjez relatati mal-hatra tas-Scene of the Crime Officer PS 171 Karl Glanville ammontanti ghas-somma ta' sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm26) ekwivalenti ghas-somma ta' sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€60.58), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€357.51), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ordnat r-rilaxx tas-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm1,345) esebiti bhala Dokument VA, favur il-hati.

Ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga esebiti fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Adrian Marmara minnu pprezentat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn talab lil din il-Qorti **TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi TIKKONFERMA s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn illiberat** lill-apellant mill-imputazzjoni (b) kif dedotta kontra tieghu in kwantu din tikkontempla r-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* u mill-imputazzjoni (d), u fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u in kwantu l-imputazzjoni (b), biss tar-reat ta' pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis,* **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. L-Applikabilita' tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Illi l-appellant jinsab akkuzat *inter alia* bil-pussess semplici, il-pussess aggravat u l-ikkultivar t**al-pjanta *cannabis* u dan b'referenza ghat-22 ta' Frar 2007 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*. Illi ghalkemm l-appellant mhuwiex tenut illi jressaq l-ebda prova huwa kemm *a tempo vergine* meta gie mitkellem mill-Pulizija u kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa ghazel illi jixhed u jispjega x'gara dakinhar liema verzjoni tal-fatti kienet anke sahansitra korroborata minn xhieda ohra senjatament mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija

semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

M'hemmx dubju illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fir-residenza tal-appellant u specifikatament fuq il-bejt tal-istess residenza, instabu tliet pjanti *cannabis*, wahda ta' cirka metru fit-tul, ohra ta' cirka ghoxrin centimetru u ohra ta' cirka tmintax-il centimetru. Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-appellant jikkonferma li dawn il-pjanti kienu tieghu u li kien kabbarhom fuq il-bejt tar-residenza ghall-uzu personali tieghu. Illi fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti gustament sabitu hati tal-pussess semplici tal-pjanta tal-Cannabis izda ma sabitux hati tal-pussess aggravat tal-istess pjanta stante

Illi fil-fatt, mill-provi prodotti senjatament ix-xhieda tieghu l-appellant ammetta illi kemm il-pjanti tal-*cannabis* fuq il-bejt tar-residenza tieghu kif ukoll it-tliet bicciet tal-plastik trasparenti maghluqin b'ghoqda li kien fihom weraq niexef, li rrizulta li kien weraq tal-*cannabis*, kif ukoll tliet bicciet raza tal-*cannabis* kienu tieghu u spjega illi kienu ghall-uzu personali tieghu. Dwar il-pjanti, huwa qal illi dawn kien kabbarhom biex ipejjiphom ghaliex kien xeba' jonfoq flus biex jixtri l-*cannabis.* Inoltre l-appellant jghid illi dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis* u kien *heavy user* tant li kien ipejjep xi tnax jew tlettax-il *joint* kuljum u gieli anke izjed minn hekk. Instabu wkoll fir-residenza tieghu xi hames pakketti tar-Rizla bil-karti tal-brim, kif ukoll diversi *roaches* liema sejba ta' dawn l-oggetti appena msemmija hija indikazzjoni cara illi l-appellant kien verament jaghmel uzu mill-*cannabis* u ghalhekk tikkorrobora din il-parti tal-verzjoni tieghu.

Inoltre fir-residenza tal-appellant ma nstab xejn apparti s-sustanzi u l-pjanti msemmija, li jindikaw illi l-pussess tal-istess ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tal-imputat u hekk per ezempju, la nstabu mwiezen, la nstabu xi boroz tal-plastik jew *foil* imqatta' li fihom normalment tinbiegh id-droga u lanqas ma nstabu xi notamenti li jistghu jindikaw bejgh ta' droga da parti tal-imputat.

Illi ghalhekk tenut kont tas-suespost il-Qorti kkunsidrat illi gie ppruvat sal-grad tal-probabbli, illi tali sustanzi u pjanti, kienu ntizi esklussivament ghall-uzu personali tal-imputat.

Illi jigi rilevat illi izda fil-kaz odjern ghalkemm huwa minnu illi stante illi fil-pussess tal-appellant instabu tliet pjanti *cannabis*, b'tul ta' cirka metru, ghoxrin centimetru u tmintax-il centimetru rispettivament, kif ukoll il-piz tal-weraq tal-istess pjanti (eskluzi l-eghruq u z-zkuk) u tas-sustanzi wkoll misjuba fil-pussess tieghu ma jaghmlux applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx illi l-istess Kap tal-Ligijiet ta' Malta mhuwiex applikabbli senjatament l-Artikolu 8 illi jipprovdi:

*(1) Meta l-persuna akkuzata hija mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbizx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha bhala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkuzata m'ghandhiex tigi riferita ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkuzata bit-twettiq ta' xi reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet maghmula f'isem il-persuna akkuzata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bhala necessarju li jinstema' u wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, tohrog digriet li permezz tieghu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

*(2) Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li gejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-ligijiet dwar id-droga jew kontra kull ligi ohra li bih il-persuna akkuzata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat;*

*(b) li r-reat kontra xi ligi ohra li mhix il-ligijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkuzata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkuzata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv;*

*(c) li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza mid-droga.*

*(3) Meta l-Qorti tohrog digriet li ser tassumi l-funzjonijiet tal-Qorti dwar id-Droga, il-Qorti ghandha tipprocedi sabiex tirreferi l-persuna akkuzata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li jkollu s-setgha li jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-artikolu 6.*

*(4) Fil-kaz fejn il-persuna akkuzata tonqos milli tosserva l-ordnijiet tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga jew jekk il-Bord, wara li jezamina l-fatti jikkonsidra li l-persuna akkuzata mhijiex turi impenn lejn ir-riabilitazzjoni taghha, il-Bord ghandu, minghajr pregudizzju ghal kull responsabbiltà tal-akkuzat taht l-artikolu 5(5), jirrakkomanda li l-Qorti tirrevoka d-decizjoni taghha sabiex tikkonverti lilha nnfisha ghal Qorti dwar id-Droga u tipprocedi bil-kawza.*

*(5) Fejn il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, fi zmien perjodu ta' mhux aktar minn tmintax-il xahar minn meta persuna akkuzata kienet riferita lilu, jikkunsidra li l-persuna akkuzata sostanzjalment rnexxielha tehles lilha nnifisha mid-dipendenza fuq id-droga, il-Bord ghandu jirrapporta dak il-fatt lill-Qorti u ghandu jirreferi lill-persuna akkuzata lura lill-Qorti.*

*(6) Wara li tircievi r-rapport imsemmi fis-subartikolu (5), il-Qorti ghandha tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali u t-Tribunali Kriminali sabiex jghaddilha lista tal-kazijiet kriminali kollha pendenti kontra l-persuna akkuzata, hlief ta' dawk li dwarhom Qorti tal-Magistrati ma ghandhiex jew ma tistax tinghata kompetenza u reati li jinvolvu akkuzi kif imsemmi fis-subartikolu (2)(b), u ghandha, safejn tikkunsidra din il-mizura bhala li tkun fl-ahjar interessi tar-riabilitazzjoni tal-persuna akkuzata, wara li tqis b'mod xieraq l-interessi tal-amministrazzjoni xierqa tal-gustizzja u tal-vittmi, terga' ssejjah lura dawk il-kazijiet li jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati jew li ghalihom il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati tista' tigi estiza sabiex dawn jinstemghu u jigu decizi quddiemha jekk il-Qorti*

*tkun il-Qorti tal-Magistrati u fil-kaz li tkun il-Qorti Kriminali jigu decizi quddiemha konsistenti biss minn Imhallef:*

*Izda f'kazijiet li ghalihom japplika dan is-subartikolu, fejn reat imsemmi f'dan is-subartikolu jaqbez il-kompetenza tal-Qorti izda jikkonsisti f'reat li ghalih il-kompetenza tal-Qorti tista' tigi estiza, il-kompetenza tal-Qorti ghandha titqies li giet estiza permezz tal-ligi bis-sahha tad-digriet li jsejjah lura dawn il-kazijiet sabiex jinstemghu u jigu decizi quddiemha minghajr ma jkun mehtieg ebda kunsens jew formalità ohra.*

*(7) Fil-kazijiet fejn jissejhu lura kazijiet ohra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull ligi ohra, fil-kaz fejn persuna tinsab hatja, tiddeciedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' prigunerija applikabbli ghal xi reat li, fir-rigward tieghu, il-persuna akkuzata tinsab hatja:*
*Izda l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija fil-kaz biss li tkun sodisfatta fuq bilanc ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkuzata nstabet hatja kien principalmentattribiwibbli ghad-dipendenza taghha fuq id-droga.*

*(8) Fl-ghoti tas-sentenza fil-kazijiet li ghalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkuzata nstabet hatja, minbarra reat li ghalih il-persuna akkuzata inghatat sentenza ta' prigunerija minghajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, m'ghandux*
*jittiehed f'konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' certifikat tal-kondotta skont l-*
*Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta wara li jghaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-hati ma jsirx recidiv.*

*(9) M'ghandu jkun hemm l-ebda dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga jew li tichad talba sabiex taghmel dan, jew minn xi decizjoni tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.*

*(10) Fejn il-persuna akkuzata giet riferita lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kif previst f'dan l-artikolu l-persuna akkuzata ghandha, matul il-perjodu li fih il-persuna tkun hekk riferita, titressaq quddiem il-Qorti f'intervallita' mhux aktar minn tliet xhur sabiex il-Qorti tkun aggornata, verbalment jew bil-miktub, mill-Bord fir-rigward tal-progress tar-riabilitazzjoni jew it-trattament tal-persuna akkuzata.*

*(11) Matul iz-zmien meta l-persuna akkuzata tkun riferita quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga il-Qorti ghandha tkompli tisma' l-kaz kontra l-persuna akkuzata daqslikieku dan ir-riferiment sar izda m'ghandhiex taghti decizjoni.*

Illi l-appellant jirrileva illi kif anke irrizulta mill-provi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti r-reati li dwarhom l-appellant qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, ai termini tal-proviso talArtikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi rilevat illi fil-fatt ir-reati illi bih l-appellant huwa mixli huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat fejn l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga *cannabis* ghal diversi snin u dan gie kkonfermat kemm mill-istqarrija mehuda a tempo vergine kif ukoll mix-xhieda bil-gurament tieghu apparti terzi persuni illi xehedu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi dan kollu maghndux ihalli dubju illi l-appellant kien ilu filvizzju tad-droga ghal snin twal qabel dawn il-proceduri u li dan il-vizzju kien ukoll wiehed serju u ghalhekk dawn ir-reati li taghhom qed jinstab hati kienu effettivament attribbwibbli ghal dan il-vizzju.

Fil-fatt, anke meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu *a tempo vergine*, l-appellant kien stqarr mal-pulizija li huwa kien *heavy user* u li kemm il-pjanti, kif ukoll is-sustanzi misjuba fir-residenza kienu lkoll ghall-uzu tieghu. Dan kollu gie kkonfermat minnu bil-gurament tieghu meta ta' d-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Di fatti, dwar il-pjanti, huwa jghid illi dawn kien kabbarhom biex ipejjiphom ghaliex kien xeba' jonfoq flus biex jixtri l-*cannabis*. Inoltre fix-xhieda bil-gurament tieghu huwa jispjega illi dak iz-zmien huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis* u kien *heavy user* tant li kien ipejjep xi tnax jew tlettax-il *joint* kuljum u gieli anke izjed minn hekk.

Di piu' dan kollu huwa kollu kkorroborat kemm mix-xhieda ta' Jean Cali' in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas u anke ta' Kelly Mangion li fiz-zmien tal-kaz odjern kellha relazzjoni mal-imputat u kienet ukoll tghix mieghu. Illi Jean Cali' spjegat illi l-appellant kien ilu jattendi gewwa l-Agenzija Caritas ghall-perjodu ta' sena u nofs u li meta beda jattendi gewwa l-istess Agenzija, huwa kien *heavy user* tal-*cannabis.* Dan tghidu wkoll Kelly Mangion, li fiz-zmien tal-kaz odjern kellha relazzjoni mal-appellant u kienet ukoll tghix mieghu, u dan fis-sens illi hija tikkonferma illi l-appellant kellu problema ta' droga, li din kienet problema kbira hafna ossia illi l-appellant kellu l-vizzju tad-droga. Ghalhekk dawn ix-xhieda kollha jikkonfermaw u jikkorroboraw il-verzjoni tal-appellant illi huwa kellu vizzju serju tal-*cannabis.*

Ghalhekk tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tapplika l-proviso ghall-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 u cioe` illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

**B. Applikabilita' tal-Artikolu 7 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-Artikolu **7 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:**

*Persuna li tinsab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantità zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggettta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga*

L-appellant jirrileva illi l-mod kif inhu miktub l-Artikolu 7 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta huwa diskriminatorju u ma johloqx sens ta' proporzjonalita' stante l-ligi arbitrarjament tghidlek illi l-kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita' zghira li ma taqbizx izda l-pjanta wahda f'cirkostanzi li juru li tali koltivazzjoni kienet intenzjonata ghall-uzu personali mghandiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija.

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi n-nozzjoni ta' pjanta wahda mhix nozzjoni certa bhalma nghidu pirmla wahda jew gramma wahda izda hi nozzjoni generali hafna u jaf tohloq diskriminazzjoni fis-sens illi jaf ikolok persuna li jkollu pjanta ta' iktar minn metru u jibbenefika minn tali Artikolu u jaf ikollok persuna li jkollu zewg pjanti ta' ftit centimetri u ma jibbenefikax minn tali Aritkolu. Illi ghalhekk in-nozzjoni ta' pjanta wahda hija nozzjoni arbitrarja immens li jaf twassal ghal diskriminazzjoni f'kazijiet ta' droga.

Illi idealment tali Artikolu tal-ligi ghandu jinbidel fis-sens illi persuna tinghatax piena ta' prigunerija jew le fuq il-kritejru jekk tali kkultivar tal-pjanti tal-kannabis kienux intenzjoni ghal traffikar jew ghal uzu esklussiv u personali tal-persuna u b'hekk tigi eliminata d-diskriminazzjoni ezistenti.

Illi dan kollu qieghed jinghad in vista tal-fatt illi l-appellant kellu tlett pjanti biss illi kienu f'ammonti zghar u ta' daqs zghar u gie stabbilit mill-istess Qorti illi tali pjanti kienu intenzjonati ghall-uzu personali u esklussiv tal-appellant. Illi ghalhekk minhabba tali dispozizzjoni fil-ligi l-appellant qieghed potenzjalment jigi pprivat mid-dritt ghal smiegh xieraq minhabba illi l-Artikolu 7 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta johloq diskriminzzjoni u ma johloqx sens ta' proporzjonalita'.

**C. Piena Erogata**

*Di piu'*, fl-umli fehma ta' l-appellant l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta'

piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Terry Graham**, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

*Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f'dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f'dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat 'a*

*window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.*

*Finalment, issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***il-Pulizija V. George Farrugia*** *moghtija nhar it-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn il-Qorti tenniet:*

*Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li din l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant ilium ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta lqrati applikaw fii-konfront tieghu sia l- Artikoiu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero', jinvolvu multi u habs. Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' lAvukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbii" fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss ii ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."***

Illi l-appellant jirrileva illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-piena karcerarja ta' seba' xhur prigunerija flimkien ma' multa hija eccessiva u ma tohloqx dak il-bilanc tant accennat bejn l-aspett riformattiv u l-aspett retributtiv. Illi jigi rilevat ukoll illi l-appellant ghandu kwazi fedina penali netta (l-unika kundanna li kellu tirrisali ghas-sena 2000 u cioe' sbatax-il sena ilu) u qatt ma xifer difru mal-gustizza u ghalhekk ai fini ta' piena ghandu jigi kkonsidrat kwazi bhala *first time offender*. Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant ikkopera pjenament mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghha u dan anke jirrizulta ampjament fl-istqarrija tieghu.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-appellant irrijabilita ruhu kompletament mill-vizzju tad-droga *cannabis*, u dan kif anke rrizulta wkoll mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tieghu fejn illum il-gurnata huwa jghix hajja ta' bzulija u ghandu impjieg regolari. Illi konferma ta' dan kollu xehdet ukoll Jean Cali`, in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, li spjegat illi l-appellant kien ilu jattendi gewwa l-Agenzija Caritas

ghall-perjodu ta' sena u nofs u li meta beda jattendi gewwa l-istess Agenzija, huwa kien *heavy user* tal-*cannabis*. Izda l-appellant baqa' jattendi ghal sessjonijiet ta' *after care*, kemm individwalment kif ukoll fi gruppi darbtejn fil-gimgha, li kien sejjer tajjeb u li gradwa f'Gunju tas-sena 2008 u wkoll illi t-testijiet tal-kampjuni tal-urina tal-appellant dejjem irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u l-appellant baqa' jzomm il-boghod mid-droga.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost piena karcerarja effettiva fic-cirkostanzi ma tkunx idonea u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern specjalment ir-rijabilitazzjoni illi ghamel u temm b'success l-appellant fejn illum huwa missier tal-familja u l-unika interess tieghu huma t-tfal tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) in segwitu ta' hrug ta' mandat ta' arrest u tfittxija, saret tfittxija fir-residenza tal-appellant fejn instabu  tlett (3) pjanti tal-Cannabis, tlett bicciet resina tal-Cannabis u tlett boroz zghar li kien fihom haxixa suspettata cannabis grass[1]. Instab ukoll l-ammont ta' LM1345;

2. L-appellant irilaxxa stqarrija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007) fejn ikkonferma li dak misjub kien ghall-uzu tieghu stante li huwa *heavy user* tal-Cannabis;

3. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant;

[1] Skont ix-xhieda ta' PC 1220 Chris Baldacchino datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008). L-Ixjenzat Godwin Sammut  fir-relazzjoni tieghu spjega fost rizultanzi ohra li wahda minn hames zerriegha taghat rizultat pozittiv ghall-germinazzjoni u kien hemm ukoll bicciet ta' sigaretti tal-karti li ukoll instabet is-sustanza Tetrahdyrocannabinol. Din il-Qorti sejra tirreferi ghal konkluzjonijiet tal-Ixjenzat Godwin Sammut aktar il'quddiem f'din is-sentenza.

4. L-Ewwel Qorti sabitu hati  li kkoltiva l-pjanta Cannabis, li kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u anke sabitu hati ta' pussess semplici tal-pjanta cannabis.

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-applikabilita' tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), din il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-appellant sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-droga u qieset necessarju li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga u idikjarat li qieghda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga. Il-kawza kienet giet differita *sine die* appuntabbli una volta r-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga jigi mibghut lil din il-Qorti. Jirrizulta li fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn  u ghoxrin (2020) il-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga prezenta nota fejn informa lil Qorti li il-Bord fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) jinforma lil Qorti li huwa sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni li ntemm b'success. Gie prezentat rapport tal-Haddiema Socjali fi hdan l-Addictions Community Team, Agenzija Sedqa li din il-Qorti sejra tirreferi ghalih aktar il-quddiem f'din is-sentenza. Ghalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-ewwel aggravju izda sejra aktar il-quddiem f'din is-sentenza tqis jekk ghandhiex tapplika l-proviso ghall-artikolu 8(7) tal-Kapitolu  537 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tieqaf milli tapplika t-terminu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Illi t-tieni aggravju jiirrigwarda l-artikolu 7 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu kien jaqra: '*Persuna li tinsab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita' żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta  li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġetta ghal terminu mandatorju ta'*

*priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospenzjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga'*. L-appellant jissottometti li l-mod kif inhu miktub l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta huwa diskriminatorju u ma johloqx sens ta' proporzjonalita' stante l-ligi arbitrarjament tghidlek illi l-kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita' zghira li ma taqbizx izda l-pjanta wahda f'cirkostanzi li juru li tali koltivazzjoni kienet intenzjonata ghall-uzu personali ma ghandiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija. Fost sottomissjonijiet ohra jissugerixxi li tali artikolu tal-ligi ghandu jinbidel fis-sens li persuna tinghatax piena ta' prigunerija jew le fuq il-kriterju jekk tali kkultivar tal-pjanti tal-kannabis kienu intenzjonati ghal traffikar jew ghal uzu esklussiv u personali tal-persuna u b'hekk tigi eliminata d-diskriminazzjoni ezistenti. Jissottometti li kellu tlett pjanti biss li kienu f'ammonti zghar u ta' daqs zghar u gie stabbilit mill-Qorti li l-pjanti kienu intenzjonati ghall-uzu personali u esklusisv tal-appellant. Ghalhekk skont l-appellant huwa qieghed minhabba tali dispozizzjoni fil-ligi potenzjalment jigi pprivat mid-dritt ghal smiegh xieraq minhabba li l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta johloq diskriminazzjoni u ma johloqx sens ta' proporzjonalita'.

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta gie mhassar permezz tal-Att IV tal-2020 u ghalhekk illum il-gurnata sta ghal Qorti biex tqis jekk il-pjanti ta' Cannabis misjuba humiex ta' kwantita' zghira u jekk giex ippruvat li dawn kienu ghall-uzu esklussiv tal-appellant. Ghalhekk illum il-gurnata, il-ligi ma tipprojbixxiex persuna li jkun ikkultiva aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis milli jinghata piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk anke jekk persuna tkun ikkultivat aktar minn pjanta wahda tal-Cannabis ma jfissirx li piena ta' prigunerija effettiva hija tassattiva. Kollox jiddependi dwar jekk il-Qorti tkunx sodisfatta li l-pjanti misjuba kienux ghal uzu esklussiv tal-hati. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni aggravju u sejra tghaddi biex tqis il-piena.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena erogata. Skont l-appellant, l-Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-

kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. L-appellant jaghmel numru ta' sottomissjonijiet li abbazi taghhom jispjega li piena karcerajra effettiva ma hijix idonea u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz specjalment in vista tar-rijabilitazzjoni li ghamel u temm b'successs l-appellant fejn illum huwa missier tal-familja u lil-unika interess tieghu huma t-tfal tieghu.

Issa li din il-Qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Droga jonqos li jigi meqjus x'piena ghandha tinghata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghalhekk din il-Qorti sejra tibda billi tqis id-droga li nstabet. Skont ix-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) '*instabu bicca resin madwar gramma toqol, tliet pjanti fuq il-bejt tieghu stess fl-istess indirizz, tliet boroz zghar bil-cannabis grass kif wkoll waqt it-tfittxija sibna wkoll li kienet go kaxxa bluna l-ammont ta' LM1345.*' PC 1220 Chris Baldacchino fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) spjega li '*Ghamilna tfittxija fid-dar tieghu fejn gew elevati tliet bicciet resina tal-cannabis, tliet boroz li kien fihom haxixa suspettat li kien gej mir-resina tal-canabis u fuq il-bejt sibna tliet pjanti suspettati li huma tal-cannabis ukoll. Meta kellimna lis-Sur Marmara qalilna li huma tieghu u li kienu ghall-uzu personali tieghu.*'

PS 1355 Cleon Purshouse fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) kien xehed li '*fuq qisha komodina gol-kcina stess sibna bicca resin u bictejn boroz zghar hekk suspettati haxixa tal-cannabis kif wkoll fuq il-mejda tal-kcina go kaxxa blu kien hemm bicca suspettata resin tal-cannabis kif wkoll borza suspettata haxixa tal-cannabis. Goz-zibel sibna xi roaches u fit-toilet PS 579 sab bicca resin. Minn hemm bqajna telghin fuq fil-kamra tas-sodda fejn hemm hekk elevajna kaxxa hamra qisha safety box zghira hekk u kien hemm kwantita' ta' flus, fuq LM1000, elevajnieha wkoll fejn minn hemm hekk tlajna fuq il-bejt u fuq il-bejt sibna go kaxxa mal-hajt hekk mghotti bil-plastic daqs tliet pjanti tal-cannabis.*' Mistoqsi jiftakarx l-ammont jghid li ma jiftakarx ezatt, mhux hafna imma ftit, xi tlieta.

Ix-xjenzat is-Sur Godwin Sammut fir-rapport tieghu li jinsab esebiet fil-process verbal ikkonkluda s-segwenti:

*'(a) Illi l-pjanti kienu kollha tal-Cannabis sativa u waħda kienet sinsemila (ara appendiċi I).*

*(b) Li fuq il-pjanti kollha instabu trichomes, fattizzi tal-weraq tal-pjanta tal-Kannabis (ara appendiċi I)*

*(c) Li l-pjanti li kien hemm fil-fond hawn fuq imsemmi u li hemm fid-dokumenti 146_07_03A sa 146_07_05A u l-weraq niexef ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 146_07_02 f'ammont nett totali ta' 29.24 grammi mingħajr għeruq u zkuk, kienu dawk tal-Kannabis. Il-pjanta tal-kannabis hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pjanta tal-kannabis ikun fiha s-sustanza Tetrahydrocannabinol, kif instab fid-dokumenti li ġew annalizati, ċioe' d-dokumenti 146_07_03A sa 146_07_05A u l-weraq niexef ta' lewn aħdar li hemm fid-dokument 146_07_02. Is-sustanza Tetrahdyrocannabinol hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitlu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(d) Illi minn swab meħuda mill-mus li hemm fid-dokument 146_07_01 ma' nstabetx droga.*

*(e) Illi minn swab meħuda mill-kaxxa ta'lewn blu li hemm fid-dokuemnt 146_07_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Is-sustanza Tetrahdyrocannabinol hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitlu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(f) Illi minn estratti meħuda mill-biċċiet tas-sigaretti tal-karti li hemm fid-dokument 146_07_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(g) Illi fuq estratti meħuda mit-tliet sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 146_07_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 7.96 grammi u l-purita kienet ta' ċirka 12%. Is-sustanza Tetrahydrocannabinol hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taaqsima A tal-kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*(h) Illi waħda mil-ħames żerriegħa li hemm fid-dokument 146_07_02 tagħat riżultat pożittiv għall-ġerminazzjoni.'*

Godwin Sammut ikkonferma din ir-relazzjoni fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u spjega r-rizultanzi tieghu. Huwa spjega li '*l-pjanti kienu cannabis sativa u wahda kienet sensimilla. Fuq il-pjanti kollha instabu it-tricombs li huma fattizzi tal-werqa tal-pjanta tal-cannabis. Li l-pjanta li kien hemm fil-fond hawn fuq imsemmi u li hemm fid-dokument 146/07/03 a 146/07/05 u l-weraq niexef ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 146/07/02 f'ammont nett totali ta' 29.24 grammi kienu dawk tal-cannabis u instabet ukoll is-sustanza THC. Swab mehuda mill-mus ma nstabitx droga. Swab mehuda mill-kaxxa ta' lewn blu li hemm fid-dokument 146/07/02 instabet is-sustanza THC. F'estratti mehuda mill-bicciet tas-sigaretti maghmula minn karti instabet is-sustanza THC u estratti mehuda mit-tliet sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 146/07/02 instabet is-sustanza THC. Il-piz tas-sustanza kien ta' 7.96 grammi u l-purita kienet ta' 12%. Imbghad kien hemm 5 zerriegha li saru testijiet tal-germinazzjoni u wahda minnhom biss kienet posittiva.*' Spjega li '*Bhala pjanti, in-net total, il-weraq biss minghajr l-gheruq, kienu 29.24 grammi.*' Kien hemm '*tliet pjanti ghax imbghad weraq li kien hemm.*' PS 171 Karl Glanville bhala Scene of Crime Officer fir-relazzjoni tieghu prezenta numru ta' ritatti ta' pjanti, u oggetti ohra misjuba.

Quddiem l-Ewwel Qorti xehdet Jean Cali fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn elfejn u disgha (2009) fejn spjegat li Adrian Marmara ilu maghhom sena u nofs, li kien *very heavy user* ta' cannabis '*U baqa' dejjem ghaddej tajjeb, jigi darbtejn fil-gimgha u sejjer tajjeb. Jigi ghall-gruppi u minn dak iz-zmien f'Gunju gradwa...*' Spjegat li '*dejjem baqa' sejjer tajjeb u l-appuntamenti avolja gradwa, ghandna what we call after care, izommhom wkoll. Jigi individual sessions, jigi ghal dawn il-gruppi, jigifieri dejjem baqa' sejjer tajjeb minn mindu gie ghandna*'. Spjega li l-imputat ilu fl-impjieg li ghandu erba' snin, kien heavy user u kkoferma li ra kambjament posittiv u li l-urines tieghu dejjem kienu clean, qatt ma kien hemm relapse.

L-appellant kien ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn ikkonferma li l-cannabis kien tieghu, li l-haxixa li kienet imqassma f'zewg boroz zghar kien ghadu jixtrieha biex ipejjipha u l-flus li sabu kienu l-paga tat-tfajla tieghu li kienu jwarrbuha. Dwar il-pjanti qal li dawk tellaghhom biex ipejjiphom ghax kien ghejja jonfoq flus u jixtri. Huwa kkonferma li kienu ghall-uzu tieghu. Jghid li kien heavy user, li kien ipejjep jahseb 12 jew 13

kuljum u jahseb li gieli anke qabizhom. Mar il-Caritas, ha parir minghandhom, ghamel il-kors, gradwa u llum clean. Jikkonferma li hareg mill-vizju mija fill-mija. Lest li jaghti testijiet. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxata minnu. In kontro-ezami kkonferma li z-zewg pjanti kabbarhom ghalih personali u kkonferma li l-istess zmien kienu jiehu r-raza tal-cannabis.

L-appellant kien rega ha l-pedana tax-xhieda fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017). Ikkonferma li meta arrestawh il-Pulizija kienu sabu tlett pjanti tal-cannabis, kien heavy user u kien ipejjep. Il-pjanti kienu fuq il-bejt tad-dar tieghu fejn kien joqghod dak iz-zmien il-Pieta' u kien tellaghom ghax kien vera heavy user. Kien kabbarhom ghax ma setghax ilahhaq ghax kien heavy user. Kien juza 15 jew 16 il-joint kuljum. Tellgha wahda, lahqet telghet naqra, '*ghidt issa sakemm naqtaghha biex innixxifha, ghidt ha nilhaq ntella' ohra biex ikolli xi npejjep. Ma telghetx, tfajt zerriegha ohra u telghu tnejn f'daqqa. Ghidt issa mhux ser narmiehom. B'hekk gejt bi tlieta jigifieri.*' Kellu tnejn zghar u wahda kien baqghala ftit biex ikun jista' juzaha. Kien ghall-uzu personali ghalih biss. Kien ilu jpejjep cannabis min meta kellu 14-il sena, mar il-Caritas u waqaf. Ilu ma jpejjep joint forsi gimgha wara li qabduh. Kellu wkoll probation officer xi sena ilu. In kontro-ezami ikkonferma li zewg boroz zghar kienu tieghu, kien ghadu ma pejjipx minn dik li telghha hu, kellu tieghu, kienu ghalih. Il-flus li nstabu kienu li jfaddlu l-paga tat-tfajla.

L-appellant kien irrilaxxa stqarrija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgha (2007), l-ammissibilita' ta' dik l-istqarrija ma gietx ikkontestata anzi giet ikkonfermata. F'dik l-istqarrija l-appellant fost affarijiet ohra spjega li s-CID '*Waqt li kienu qed ifittxu gol-post, sabu xi smoke u libretti. Sabu wkoll il-haxixa li kienet imqassma f'zewg boroz zghar sabiex ma nohrogx kollox fuqi meta nkun ser inpejjep. Sabu wkoll xi flus li kienu mwarrbin mill-paga tat-tfajla peres sli konna nghaddu bil-paga tieghi. Fil-fatt hem mill-karti miktuba' kull meta nitfa'. Fuq il-bejt sabu wkoll tlett pjanti, tnejn minnhom zghar li kien tal-cannabis. Dawn kont inkabbarhom peress li jien heavy user. Dawn kienu kollha ghalija. Wara gew xi esperti tal-qorti imbaghad il-Puizija gabuni is-CID.*'

Cahad li l-persuni li kienu mieghu kienu hemm sabiex jixtru l-haxixa anzi kienu marru jilghabu l-playstation minhabba li kien ser isir xi league. Il-haxixa jghid li

gabha minn tieghu stess. Mistoqsi minn fejn gab ir-resin wiegeb li '*Nibza' nghidlek ghax jien ghandi familja u jaghmluli xi vendikazzjoni.*' izda qal li r-resin hallas xi LM35 u gieli LM40 ghal bicca daqs kaxxa tas-sulfarini u gholja daqs nofs centimentru. Il-bierah filghodu l-ahhar li ha smoke, farrak bicca resin, zidlu ftit haxixa tal-kannabis, haltu mat-tabbak u dawwar joint. Mistoqsi jekk l-ohrajn bdew ipejpju mieghu qal li fuqu jista' jirrispondi fuq l-ohrajn ma jistax, huwa ma offrilhomx biex ipejpju mieghu. Iz-zerriegha tal-pjanta tal-kannabis tahomlu certu wiehed Noel li llum mejjet. Cahad li gieli biegh il-haxixa. Il-pjanta tal-kannabis ilu jkabbarha mill-ahhar ta' Novembru tas-sena l-ohra. Qatt ma offra lil xi hadd ipejjep mieghu. Jghid li peress li huwa heavy userr, dik kienet ghalih. LM1,345 huma flus imfaddla mill-paga tat-tfajla biex jibda xi haga gol-post. Qatt ma ha droga ohra u lest li jirranga hajtu. Jahseb li kapaci jieqaf mill-vizzju mil-lum stess. Emfasizza li l-flus ma gewx mid-drogi izda li kien faddal. Jghid li jididspjacih ta' dak li gara.

Kelly Mangion fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) xehdet li kienet ilha disa' (9) snin gharusa tal-appellant u li ghamlu tmien (8) snin jghixu flimkien. Il-flus u cioe' xi LM1400 li nstabu kienu taghha. Ikkonfermat li kellu vizzju u li llum clean. In kontro-ezami cahdet li l-flus tahomla Adrian. Kienet tahdem Tower Supermarket dak iz-zmien.

L-ufficjal tal-Probation Donnalise Livori xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn prezentat social inquiry report li gie mmarkat bhala Dok DL. Fost affarijiet ohra xehdet li '*fir-rigward tad-droga, Adrian ammetta li ghamel madwar 15-il sena jabbuza mis-sustanza tal-cannabis izda meta kien tressaq b'dan il-kaz, hu ftittex l-ghajnuna mill-Caritas fejn ghamel programm minn barra u kien komplut. Fil-prezent huwa jghid li huwa wieqaf u fil-fatt dan gie kkonfermat mit-testijiet tal-urina li ttiehdu fejn t-tlieta li huma rrizultaw fin-negattiv. Naghlaq ukoll billi nghid li Adrian attenda ghall-appuntamenti kollha kif ukoll kkopera bis-shih mieghi.*' Is-Social Inquiry Report gie esebit a fol 94 et sequitur.

Fil-mori tal-appell giet ipprezentata nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fejn il-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni li ntemm b'success. Gie pprezentat rapport datat is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u

ghoxrin (2020) redat minn Jeanelle Boffa, Haddiema Socjali fi hdan l-Addictions Communtiy Team, Agenzija Sedqa. F'dan ir-rapport fostt fatti ohra, tnizzel li '*Is-Sinjur Marmara ħalla l-ewwel kampjun tal-awrina taħt superviżjoni nhar is-27 ta' Novembru 2018. Minn dan il-kampjun inizzjali, is-Sinjur Marmara baqa' konsisteni fejn kien iħalli kampjun minn tal-inqas darba fil-ġimgħa. Il-maġġoranza ta' dawn, irriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi. Madanakollu, kien hemm żewġ kampjuni li kienu mċappsa għad-droga kokaina, datati 11 ta' Frar 2019 u 29 ta' April 2019. Hekk kif is-Sinjur Marmara ġie kkonfrontat fuq dawn il-kampjuni, huwa baqa' jiċħad li għamel użu minn din l-istess droga. Sussegwentament, is-Sinjur Marmara propona li jibda' jħalli kampjun tal-awrina iżjed frekwenti, u dan żamm mal pjan propost minnu stess għal perjodu ta' żmien. Eventwalment, din il-frekwenza reġgħet niżlet għal kampjun fil-ġimgħa, hekk kif kien mistenni minnu oriġinarjament. Il-kampjuni li tħallew tul il-bqija taż-żmien, irriżultaw nodfa minn kwalunkwe sustanzi illeċiti.*

*Matul dan il-perjodu, is-Sinjur Marmara wera progress fil-motivazzjoni u fil-pjanijiet gejjieni tiegħu. Minkejja ż-żewġ kampjuni li ndikaw pożittivi għall-użu tal-kokaina, tul il-proċess tal-ħidma tiegħu mal-ħaddiema soċjali, l-imsemmi wera' li huwa kapaċi jibqa' nadif mis-sustanzi.*' Ghalhekk gie mitlub sabiex jigi kkunsidrat li l-kaz tas-Sinjur Marmara jersaq lejn it-tmiem tieghu.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Kif meqjus mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata '*Minkejja s-sejba tas-sustanzi msemmija fil-pussess tal-imputat, inkluz ta' tliet pjanti tal-cannabis u b'mod partikolari pjanta li ma jistax jinghad li kienet wahda zghira, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sal-grad tal-probabbli, illi tali sustanzi u pjanti, kienu ntizi esklussivament ghall-uzu personali tal-imputat.*' L-Avukat Generali ma appellax minn din is-sentenza u ghalhekk ma sarx appell mill-parti tas-sentenza fejn il-Qorti qieset li s-sustanzi u pjanti misjuba kienu intizi esklussivament ghall-uzu personali tal-appellant. Ghalhekk din il-Qorti tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-fedina penali tal-appellant hija wahda netta ghajr ghal kundanna dwar akkuzi relatati ma' sewqan, liema sentenza nghatat fis-sena elfejn (2000), tqis ukoll li jirrizulta li l-appellant illum il-gurnata huwa bniedem rijabilitat u ghalhekk tqis li minkejja s-sustanza, weraq tlett pjanti misjuba, wahda minn dawn il-pjanti kienet ta' daqs sostanzjali, tqis li piena ta' prigunerija effettiva ma hijiex idonea

fic-cirkostanzi tal-kaz. Din il-Qorti li f'dan il-kaz assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga, *ai termini* tal-proviso tal-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma hijiex prekluza milli taghti piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva. Dan is-subartikolu jipprovdi li:

'*Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:*

*Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.*'

L-Ewwel Qorti kienet ikkundannat lill-appellant ghal seba' (7) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) u kkundannatu ukoll ihallas l-ispejjez relatati mal-hatra tal-esperti u dan *ai termini* tal-atikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti sejra tordna li s-seba' (7) xhur prigunerija li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant jigu *ai termini* tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sospizi ghal sentejn (2) mil-lum. Filwaqt li sejra tikkonferma kemm il-multa infitta mill-Ewwel Qorti u anke l-ordni ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti, tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' seba' (7) xhur priguneirja effettiva u minflokk tikkundanna lill-appellant ghal piena ta' seba' (7) xhur prigunerija li permezz tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn mil-lum.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghal hlas ta' multa ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300) li,

bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-appellant f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ikkundannat lill-appellant ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez relatati mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u ghoxrin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm127.44) ekwivalenti ghas-somma ta' mitejn, sitta u disghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€296.93) u l-ispejjez relatati mal-hatra tas-Scene of the Crime Officer PS 171 Karl Glanville ammontanti ghas-somma ta' sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm26) ekwivalenti ghas-somma ta' sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€60.58), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u hamsin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€357.51). Dawn ghandhom jithallsu fiz-zmien tlett (3) xhur li jibdew ghaddejin mil-lum.

Dwar l-ordni ghar-rilaxx tas-somma ta' elf, tliet mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm1,345) esebiti bhala Dokument VA, favur il-hati, din il-Qorti diversament preseduta kienet permezz ta' digriet moghti fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) laqghet it-talba tal-appellant u ordnat ir-rilaxxa tas-somma ta' LM1,345 favur ir-rikorrenti fuq debitu ricevuta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tastjeni milli tikkonferma dik l-ordni maghmulha mill-Ewwel Qorti gialdarba din il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta gia ordnat ir-rilaxx tas-somma ta' LM1,345 favur Adrian Marmara fuq debita ricevuta.

Din il-Qorti tikkonferma l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga esebiti fl-atti u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-appellant l-portata ta' din is-sentenza u wissietu dwar il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operativ ta' din is-sentenza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur